# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/483

**tad-19 ta' Marzu 2019**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE (Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR) u d-Direttiva 2013/36/UE (CRD IV))**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, *inter alia*, l-Anness IX għal dak il-Ftehim li fih dispożizzjonijiet dwar is-servizzi finanzjarji.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) għandhom jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.

(4) Għalhekk, l-Anness IX għall-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(5) Għaldaqstant jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.
([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).
([4]) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li thassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Marzu 2019.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
G. CIAMBA

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …/2019**

**ta'…**

**li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), kif rettifikat minn ĠU L 208, 2.8.2013, p. 68, ĠU L 321, 30.11.2013, p. 6 u ĠU L 20, 25.1.2017, p. 2 għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament (UE) 2017/2395 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' arranġamenti transizzjonali biex jittaffa l-impatt tal-introduzzjoni tal-IFRS 9 fuq il-fondi proprji u għat-trattament tal-iskoperturi l-kbar ta' ċerti skoperturi fis-settur pubbliku denominati fil-munita domestika ta' kwalunkwe Stat Membru ([2]), għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ([3]), kif rettifikata minn ĠU L 208, 2.8.2013, p. 73 u ĠU L 20, 25.1.2017, p. 1 għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE jirreferu għal "istituzzjonijiet prinċipali tal-UE", "kumpaniji azzjonarji finanzjarji omm tal-UE" u "kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta omm tal-UE", li fil-kuntest tal-Ftehim ŻEE huma mifhuma bħala li jirreferu għal entitajiet li jissodisfaw id-definizzjonijiet rilevanti stabbiliti fir-Regolament li huma stabbiliti f'Parti Kontraenti taż-ŻEE u li mhumiex sussidjarji ta' istituzzjoni oħra mwaqqfa fi kwalunkwe Parti Kontraenti oħra taż-ŻEE.

(5) Id-Direttiva 2013/36/UE tħassar id-Direttivi 2006/48/KE ([4]) u 2006/49/KE ([5]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandhom jitħassru skont il-Ftehim ŻEE.

(6) Il-potenzjal għal tnaqqis mhux ġustifikat fir-rekwiżiti ta' fondi proprji u l-użu ta' mudelli interni ġie limitat, *inter alia,* mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-Artikolu 152 tad-Direttiva 2006/48/KE, li, minn tmiem l-2017 ġie sostitwit bl-Artikolu 500 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Madanakollu, għad hemm diversi dispożizzjonijiet oħra fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36/UE li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti biex jindirizzaw l-istess kwistjoni, inkluża l-possibbiltà għal miżuri biex jilqgħu kontra tnaqqis mhux ġustifikat tal-ammonti ta' skopertura ponderati għar-riskju, ara pereżempju l-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE, u biex timponi marġnijiet prudenti ta' konservatiżmu fil-kalibrazzjoni ta' mudelli interni, ara pereżempju l-Artikolu 144 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikolu 101 tad-Direttiva 2013/36/UE.

(7) Għalhekk, l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.
([2]) ĠU L 345, 27.12.2017, p. 27.
([3]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338.
([4]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.
([5]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 201.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness XI tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 14 (id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) jinbidel b'dan li ġej:

"**32013 L 0036**: Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338), kif rettifikata minn ĠU L 208, 2.8.2013, p. 73 u ĠU L 20, 25.1.2017, p. 1.

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini "Stat Membru/i" u "awtoritajiet kompetenti" għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament;

(b) Referenzi għall-"membri tas-SEBĊ" jew għal "banek ċentrali" għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati tal-EFTA.

(c) Referenzi għal atti oħrajn fid-Direttiva għandhom japplikaw sal-punt u l-mod li dawk l-atti jiġu inkorporati f'dan il-Ftehim.

(d) Referenzi għas-setgħat tal-EBA skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-Direttiva għandhom jinftiehmu li jirreferu, fil-każijiet previsti fil-punt 31 g ta' dan l-Anness u f'konformità miegħu, għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-Istati tal-EFTA.

(e) Fl-Artikolu 2(5), għandhom jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(11a) Fl-Iżlanda, għal 'Byggðastofnun', għal 'Íbúðalánasjóður' u għal 'Lánasjóður sveitarfélaga ohf.';"

(f) Fl-Artikolu 6, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej (a):

"L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA jikkoperaw b'fiduċja u rispett reċiproku sħiħ, b'mod partikolari meta jiżguraw il-fluss ta' informazzjoni xierqa u affidabbli bejnhom u l-partijiet tas-SESF u mal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE għandhom jikkoperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati tal-EFTA bl-istess mod."

(g) L-Artikolu 47(3) ma għandux japplika fl-Istati tal-EFTA. Permezz ta' ftehimiet konklużi ma' pajjiż terz wieħed jew aktar, l-Unjoni tista' tiftiehem li tapplika d-dispożizzjonijiet li jagħtu lil fergħat ta' istituzzjoni ta' kreditu li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz trattament ugwali fit-territorju tal-Istat tal-EFTA.

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinfurmaw u jikkonsultaw lil xulxin qabel ma jiġu konklużi l-ftehimiet ma' pajjiżi terzi abbażi tal-Artikolu 47(3) jew l-ewwel paragrafu ta' dan il-punt, skont kif ikun il-każ.

Kull meta l-Unjoni Ewropea tinnegozja ma' pajjiż terz wieħed jew aktar rigward il-konklużjoni ta' ftehim abbażi tal-Artikolu 47(3), u ftehim bħal dan għandu l-għan li jiġi akkwistat trattament nazzjonali jew aċċess effettiv għas-suq għall-fergħat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fil-pajjiżi terzi kkonċernati, l-Unjoni Ewropea għandha tagħmel ħilitha biex tikseb l-istess trattament għall-fergħat tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fi Stat tal-EFTA.

(h) L-Artikolu 48 ma għandux japplika. Meta Stat tal-EFTA jikkonkludi ftehim ma' pajjiż terz wieħed jew aktar rigward il-mezzi tal-eżerċizzju ta' superviżjoni fuq bażi kkonsolidata fuq l-istituzzjonijiet li l-impriżi omm tagħhom ikollhom l-uffiċċju prinċipali f'pajjiż terz u l-istituzzjonijiet li jinsabu f'pajjiżi terzi li l-impriżi omm tagħhom, sew jekk ikunu istituzzjonijiet, kumpaniji azzjonarji finanzjarji jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta, ikollhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom f'dak l-Istat tal-EFTA, dak il-ftehim għandu jiżgura li l-EBA tkun tista' tikseb mingħand l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat tal-EFTA informazzjoni li tkun waslet mill-awtoritajiet nazzjonali ta' pajjiżi terzi skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

(i) Fl-Artikolu 53(2), il-kliem "jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal qabel il-kliem "skont din id-Direttiva".

(j) Fl-Artikolu 58(1)(d), il-kliem "jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "ESMA".

(k) Fl-Artikolu 89(5), il-kliem "atti leġiżlattivi futuri tal-Unjoni għal obbligi ta' żvelar" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "atti leġiżlattivi futuri applikabbli skont il-Ftehim ŻEE jipprevedu għal obbligi ta' żvelar li".

(l) Fl-Artikolu 114(1), fir-rigward tal-Liechtenstein, il-kliem "bank ċentrali tas-SEBĊ" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "l-awtorità kompetenti".

(m) Fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 117(1), il-kliem "jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, skont kif ikun il-każ," għandu jiddaħħal wara l-kelma "EBA".

(n) Fl-Artikoli 133(14) u (15), il-kliem "jew rigward l-Istati tal-EFTA, il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "il-Kummissjoni".

(o) Fl-Artikolu 151(1), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tinkludi" għandu jiddaħħal wara l-kliem "f'konformità ma' "."

2. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 14 (id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"14a. **32013 R 0575**: Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1), kif rettifikat minn ĠU L 208, 2.8.2013, p. 68, ĠU L 321, 30.11.2013, p. 6 u ĠU L 20, 25.1.2017, p. 2, kif emendat minn:

— **32017 R 2395:** Ir-Regolament (UE) 2017/2395 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 (ĠU L 345, 27.12.2017. p. 27).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini "Stat Membru(i)" u "awtoritajiet kompetenti" għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.

(b) Referenzi għall-"membri tas-SEBĊ" jew għal "banek ċentrali" għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati tal-EFTA.

(c) Referenzi għal atti oħra fir-Regolament għandhom japplikaw sal-punt u fil-forma li dawk l-atti jkunu inkorporati f'dan il-Ftehim;

(d) Referenzi għas-setgħat tal-EBA skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-Regolament għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu, fil-każijiet previsti fil-punt 31g ta' dan l-Anness u f'konformità miegħu, għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-Istati tal-EFTA.

(e) F'punt (75) tal-Artikolu 4(1), il-kliem "in-Norveġja u" għandu jiddaħħal qabel il-kelma "l-Iżvezja".

(f) Fl-Artikolu 31(1)(b), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma "il-Kummissjoni" għandha tinqara "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA".

(g) F'paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 80, il-kliem "jew, fil-każ li Stat tal-EFTA ikun ikkonċernat, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandhom jiddaħħlu wara l-kelma "il-Kummissjoni".

(h) Fl-Artikoli 329(4), 344(2), 352(6), 358(4) u 416(5), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jinkludu" għandu jiddaħħal wara l-kliem "dħul fis-seħħ".

(i) Fl-Artikolu 395:

(i) fil-paragrafi 7 u 8, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma "il-Kunsill" ma għandhiex tapplika;

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 8 għandu jinqara kif ġej:

"Is-setgħa li tadotta deċiżjoni li taċċetta jew tirrifjuta l-miżura nazzjonali proposta msemmija fil-paragrafu 7 hija mogħtija lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA."

(iii) L-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 8 għandha tiġi mibdula bis-segwenti:

"Fi żmien xahar mill-wasla tan-notifika msemmija fil-paragrafu 7, l-EBA għandha tipprovdi l-opinjoni tagħha dwar il-punti msemmija f'dak il-paragrafu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat jew, fejn l-opinjoni tagħha tikkonċerna miżuri nazzjonali proposti minn Stat tal-EFTA, lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA u lill-Istat tal-EFTA kkonċernat."

(j) Fl-Artikolu 458:

(i) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 għandu jinqara kif ġej:

"Fejn l-awtorità determinata skont il-paragrafu 1 tidentifika tibdil fl-intensità tar-riskju makroprudenzjali jew sistemiku fis-sistema finanzjarja bil-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi serji għas-sistema finanzjarja u l-ekonomija reali fi Stat Membru speċifiku u li dik l-awtorità tqis li jkun aħjar li jiġu indirizzati permezz ta' miżuri nazzjonali aktar stretti, hija għandha tinnotifika lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, lill-BERS u lill-EBA b'dan il-fatt u tippreżenta evidenza kwantitattiva u kwalifikattiva rilevanti ta' dawn kollha li ġejjin:"

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4 għandu jinqara kif ġej:

"Is-setgħa biex jiġi adottat att ta' implimentazzjoni li jirrifjuta l-abbozzi ta' miżuri nazzjonali msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 2 tingħata lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA, li jaġixxi fuq proposta mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.";

(iii) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4, għandu jiżdied dan li ġej:

"Fejn l-opinjonijiet tagħhom jikkonċernaw abbozz ta' miżuri nazzjonali ta' Stat tal-EFTA, il-BERS u l-EBA għandhom jipprovdu l-opinjonijiet tagħhom lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA u lill-Istat tal-EFTA kkonċernat.";

(iv) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tielet sat-tmien subparagrafi tal-paragrafu 4 għandhom jinqraw kif ġej:

"Filwaqt li jiġu kkunsidrati bl-aktar mod possibbli l-opinjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu u jekk ikun hemm evidenza robusta, qawwija u dettaljata li l-miżura jkollha impatt negattiv fuq is-suq intern li jegħleb il-benefiċċji tal-istabbiltà finanzjarja li jirriżultaw fi tnaqqis tar-riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat, l-Awtorità ta' Sorveljanza tista', fi żmien xahar, tipproponi lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA biex jirrifjuta l-abbozz ta' miżuri nazzjonali.

Fin-nuqqas ta' proposta tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA f'dak il-perjodu ta' xahar, l-Istat tal-EFTA konċernat jista' b'mod immedjat jadotta l-abbozz ta' miżuri nazzjonali għal perjodu ta' mhux aktar minn sentejn jew sal-waqt meta r-riskju makroprudenzjali jew sistemiku ma jibqax jeżisti jekk dan iseħħ qabel.

Il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA għandu jiddeċiedi dwar il-proposta mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fi żmien xahar wara l-wasla tal-proposta u jiddikjara r-raġunijiet għar-rifjut jew le tal-abbozz ta' miżuri nazzjonali.

Il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA għandu jirrifjuta l-abbozz ta' miżuri nazzjonali biss jekk iqis li waħda jew iżjed mill-kundizzjonijiet li ġejjin ma jkunux ġew osservati:

(a) il-bidliet fl-intensità tar-riskju makroprudenzjali jew sistemiku jkunu ta' tali natura li jirrappreżentaw riskju għall-istabbiltà finanzjarja fil-livell nazzjonali;

(b) l-Artikoli 124 u 164 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 101, 103, 104, 105, 133 u 136 tad-Direttiva 2013/36/UE ma jistgħux jindirizzaw b'mod adegwat ir-riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat, b'kunsiderazzjoni tal-effettività relattiva ta' dawk il-miżuri;

(c) l-abbozz ta' miżuri nazzjonali huma aktar adatti biex jindirizzaw ir-riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat u ma jinvolvux effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha, jew partijiet minnha, f'Partijiet Kontraenti oħra jew fl-EEA kollha kemm hi, u b'hekk jiffurmaw jew joħolqu ostaklu għall-funzjonament tas-suq intern;

(d) il-kwistjoni tikkonċerna biss Stat tal-EFTA wieħed; kif ukoll

(e) ir-riskji ma jkunux diġà ġew indirizzati minn miżuri oħra f'dan ir-Regolament jew fid-Direttiva 2013/36/UE.

Il-valutazzjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA għandha tqis l-opinjoni tal-BERS u l-EBA u għandha tkun ibbażata fuq l-evidenza ppreżentata f'konformità mal-paragrafu 2 mill-awtorità determinata skont paragrafu 1.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA li tirrifjuta l-abbozz tal-miżuri nazzjonali fi żmien xahar wara l-wasla tal-proposta mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, l-Istat tal-EFTA jista' jadotta l-miżuri u japplikahom għal perjodu ta' mhux aktar minn sentejn jew sal-waqt meta r-riskju makroprudenzjali jew sistemiku ma jibqax jeżisti jekk dan iseħħ qabel."

(v) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-paragrafu 6 għandu jaqra kif ġej:

"Fejn Stat tal-EFTA jirrikonoxxi l-miżuri stabbiliti skont dan l-Artikolu, huwa għandu jgħarraf lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, lill-EBA, lill-BERS u lill-Parti Kontraenti għall-Ftehim ŻEE awtorizzata biex japplika l-miżuri."

(k) Fl-Artikolu 467(2), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "il-Kummissjoni adottat regolament" għandu jaqra "id-dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jinkludi regolament adottat".

(l) Fl-Artikolu 497, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) il-paragrafi 1 u 2, il-kliem "id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jinkludu" għandu jiddaħħal wara l-kliem "dħul fis-seħħ tal-aktar riċenti";

(ii) f'paragrafu 1, il-kliem "ġew adottati" għandu jaqra "japplikaw fiż-ŻEE"."

3. Fil-punt 31bc (ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

(a) jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32013 R 0575:** Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1), kif rettifikat minn L 208, 2.8.2013, p. 68, ĠU L 321, 30.11.2013, p. 6 u ĠU L 20, 25.1.2017, p. 2."

(b) fl-adattament (zh), jiżdied dan li ġej:

"(v) fil-paragrafu 5a, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jinkludu" għandhom jiddaħħal wara l-kliem "dħul fis-seħħ tal-aktar riċenti"."

4. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 31ea (id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32013 L 0036**: Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338), kif rettifikat minn ĠU L 208, 2.8.2013, p. 73 u ĠU L 20, 25.1.2017, p. 1."

5. It-test tal-punt 31 (id-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) jitħassar.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif rettifikat minn ĠU L 208, 2.8.2013, p. 68, ĠU L 321, 30.11.2013, p. 6 u ĠU L 20, 25.1.2017, p. 2, u (UE) 2017/2395 u tad-Direttiva 2013/36/UE, kif rettifikat minn ĠU L 208, 2.8.2013, p. 73 u ĠU L 20, 25.1.2017, p. 1, fl-ilsien Iżlandiż u Norveġiż, li se jiġu ippublikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […], dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

(*) [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President* *Is-Segretarji għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti għad-Deċiżjoni Nru …/2019 li tinkorpora d-Direttiva 2013/36/KE fil-Ftehim ŻEE**

Il-Partijiet Kontraenti jikkondividu l-fehim li l-inkorporazzjoni fil-Ftehim ŻEE tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE hija mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali ta' applikazzjoni ġenerali li jirrigwardaw l-iskrinjar għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' investiment dirett barrani.